MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 400/2011

**Frutti di Mare Company Limited (C-20089)**

**Vs**

**Mario Cini (Karta ta' l-Identità bin-Numru 320660M) ezercenti l-kummerc taht l-isem Sardi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Frutti di Mare Company Limited fit-30 ta' Novembru 2011, permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tmint elef hames mija u erbghin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€8,540.53) rapprezentanti l-valur ta' hut frisk u ffrizat mibjugh u kkonsenjat lilu mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tieghu stess, hekk kif jidher mill-kont anness mar-Rikors promotur markat bhala Dok. "A", bl-imghax legali skond il-Ligi dekoribbli sad-data tal-hlas u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat Kawtelatorju

pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, kontra l-konvenut;

Rat id-dokument immarkat bhala Dok. “A” anness mar-Rikors promotur;

Rat illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat bir-Rikors promoter u bl-Avviz tas-Smigh naqas milli jipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u ma deherx ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Rat il-Kapitolu pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenut fit-12 ta’ Jannar 2012 u li l-konvenut ma deherx biex jirrispondih;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjeta’ attrici titlob lill-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ €8,540.53 rapprezentanti l-valur ta’ hut frisk u ffrizat minnha mibjugh u konsenjat lilu fuq inkarigu tieghu stess, u dan kif jirrizulta mill-*istatement of account* anness mar-Rikors promotur u markat Dok. “A”.

Il-konvenut ghalkemm debitament notifikat bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-Smigh ma pprezentax Risposta in opposizzjoni ghat-talbiet attrici u lanqas deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti. In oltre l-konvenut ma deherx biex jirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront tieghu mis-socjetà attrici u ghaldaqstant tali Kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Il-Qorti hi ghalhekk sodisfatta li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa lilha dovut mill-konvenut ezercenti l-kummerc taht l-isem Sardi.

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ €8,540.53, bl-imghax legali

dekoribbli mis-26 ta' Awissu 2011 (id-data ta' l-ahhar konsenja skond Dok. "A") sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-Mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------